VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 32 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 394 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Frar 2011 'l quddiem.

**L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Fl-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali, fil-verżjoni bil-Malti, għandha tidħol is-sentenza li ġejja fl-aħħar tal-ordinament: "Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat jista' jsejjaħ membri oħrajn jekk ikun hemm bżonn."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 32 of 2012**

# EDUCATION ACT
# (CAP. 327)

## Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2011 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. - Degree Regulations, 2008 for the Degree of Doctor of Philosophy under the auspices of the Faculty of Media and Knowledge Sciences

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Media and Knowledge Sciences in virtue of the powers conferred upon it by article 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by article 81 (2) of the said Act:

### Citation

1. These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 to amend the Bye-Laws of 2011 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations 2008, for the Degree of Doctor of Philosophy and shall be read and construed as one with the Bye-Laws of 2011 in terms of the Doctor of Philosophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2008 for the Degree of Doctor of Philosophy under the auspices of the Faculty of Media and Knowledge Sciences, published as Legal Notice 394 of 2011, hereinafter referred to as "the principal bye-laws".

### Applicability

2. These bye-laws shall be applicable from February 2011 onwards.

### Amendment to bye-law 5 of the principal bye-laws

3. In bye-law 5 of the principal bye-laws, in the Maltese version, there shall be added the following sentence at the end of the bye-law: "Il-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat jista' jsejjaħ membri oħrajn jekk ikun hemm bżonn."

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*
Prezz/*Price*
€0.09